MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 271/2010

**Av. Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Nokia Corporation**

**vs**

**Dr. Noel Bartolo u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici li b'digriet tal-10 ta' Awwissu 2010 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti kunsinjatarju SELMA u S.M.T.F. ghal kull interess li jista jkollha**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Peter Fenech (ID Nru 67468(M)) bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera

Nokia Corporation datat 24 ta' Marzu 2010 a fol. 1 tal-process fejn jiddikjara li huwa jaf is-segwenti fatti personalment u jghid :-

Illi l-esponenti gie mahtur mandatarju tas-socjeta` estera Nokia Corporation ta' Keilalahdentie 4, 02150 Espoo, Finland, sabiex jirraprezenta l-azzjonijiet gudizzjarji necessarji sabiex jigu protetti l-interessi taghhom.

Illi s-socjeta` rikorrenti hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati l-Ufficcju tal-Proprjeta` Industrijali ta' Malta msejjha 'NOKIA', liema dritt gie registrat f'Malta fit-tmintax (18) ta' Ottubru elfejn u wiehed (2001), u moghtija n-numru ta' registrazzjoni 33323 u 33324 (Dok 'NC 1' u 'NC 2'); kif ukoll tad-drittijiet registrati bhala *Community Trademarks* u *Community Designs* mal-*Office for Harmonization in the Internal Market* tal-Unjoni Ewropea : (a) *community trademark* 'NOKIA', liema dritt gie registrat fit-3 ta' Jannar 2006 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 4035663 (Dok 'NC 3'); (b) *community trademark* 'N95', liema dritt gie registrat fl-22 ta' Novembru 2007 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 5535356 (Dok 'NC 4'); u (c) *community trademark* 'Nseries', liema dritt gie registrat fis-26 ta' Lulju 2007 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 5107347 (Dok NC5) ; (d) u *community design* 'N95', liema dritt gie registrat l-ewwel darba fid-19 ta' Frar 2007 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 000677976 (Dok 'NC 6') ; (e) *community design* 'N73', liema dritt gie registrat l-ewwel darba fl-24 ta' Awissu 2006 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 000582242 (Dok 'NC 7').

Illi fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) r-rikorrenti *nomine* gie nfurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru ECMU 8042484 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur CMA CGM NABUCCO liema vapur kien gej minn Nansha, Cina fi triqtu lejn Tunis, Tunisia u l- *container* kien fih total ta' tnejn u ghoxrin elf u seba' mitt (22,700) il-accessorju tal-*mobile phones* (Dok 'NC 8') kollha bil-marka 'NOKIA' u whud minnhom bil-markji 'Nseries' u 'N95' jew bid-disinn 'N95' u 'N73', u li

*prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta' proprjeta` intelletwali.

Illi fit-tmienja (8) ta' Marzu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) r-rikorrenti *nomine* gie nfurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru UESU 4817419 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur CMA CGM OTELLO liema vapur kien gej minn Nansha, Cina fi triqtu lejn Tunis, Tunisia u l-*container* kien fih total ta' elf u erba' mitt (1,400) *mobile phone pouches* (Dok 'NC 9') kollha bil-marka 'NOKIA', u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta' proprjeta` intellewali.

Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti *nomine* u wara li l-istess gew ezaminati minn rapprezentanti specjalizzati ta' Nokia Corporation, fejn gie determinat li dawn l-accessorji tal-*mobiles phones* kif ukoll il-*mobile phone pouches* hawn qabel indikati u mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta' Nokia Corporation, u li l-imsemmija *trademarks* ta' Nokia Corporation riprodotti fuq l-istess accessorji tal-*mobiles phones* u *pouches* kienu kontrafatti u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intelletwali ta' Nokia Corporation u r-rapporti tal-istess li ser jigu esibiti fil-mori tal-kawza.

Illi r-rikorrenti *nomine* talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-merkanzija suspettata gewwa Malta sabiex *a tenur* tal-**artikolu 7 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta** huwa jipprocedi civilment ghall-decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta u l-Kontrollur tad-Dwana laqa' din it-talba li jinzammu dawn l-accessorji tal-*mobile phone* u l-*pouches.*

Illi din il-merkanzija inqabbdet mill-Port Hieles ta' Malta u l-Kontrollur tad-Dwana jaf li l-kunsinjatarju tal-merkanzija huwa S.M.T.F. P/C SELMA u dan skont dak citat fil-polza ta' taghbija numru GGZ0288450 (*Container No* ECMU 8042484) (Dok 'NC 10') u GGZ0289138B (*Container No* UESU 4817419) (Dok 'NC 11').

Illi, l-azzjonijiet tal-intimati jiksru d-disposizzjonijiet ta' l-**artiklu 4 tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta**, kif ukoll tal-**artikolu 10 (2) (b) tal-Att Dwar it-*Trademarks* (Kap 416**) u huma azzjonabbli b'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-**artikoli 14-19 tal-istess Kap 416 u l-artikoli 7 u 8 tal-istess Kap 414.**

Illi s-socjeta` rikorrenti ghandha kull interess li tippromwovi din l-azzjoni gudizzjarja sabiex tikkawtela u tenforza l-jeddijiet taghha.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` rikorrenti talbet lis-socjetajiet intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'tnejn u ghoxrin elf u seba' mitt (22,700) il-accessorji tal-*mobile phones* u l-elf u erba' mitt (1400) il-*mobile phone pouches* imsemmija li fuqhom hemm l-marka 'NOKIA' u whud minnhom bil-markji 'Nseries' u 'N95' jew bid-disinn 'N95' u 'N73', u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*containers* bin-numru ECMU 8042484 u UESU 4817419 kontenenti l-imsemmija accessorji tal-*mobile phones* u l-*mobile phone pouches* rispettivament, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intelletwali tar-rikorrenti fir-rigward tat-*trademarks* taghha 'NOKIA' moghtija n-numru ta' registrazzjoni 33323 u 33324 (Dok 'NC 1' u 'NC 2') ); kif ukoll tad-drittijiet registrati bhala *Community Trademarks* u *Community Designs* ma l-*Office for Harmonization in the Internal Market* tal-Unjoni Ewropea : (a) *community trademark* 'NOKIA', liema dritt gie registrat fit-3 ta' Jannar 2006 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 4035663 (Dok 'NC 3'); (b) *community trademark* 'N95', liema dritt gie registrat fl-22 ta' Novembru 2007 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 5535356 (Dok 'NC 4'); u (c) *community trademark* 'Nseries', liema dritt gie registrat fl-26 ta' Lulju 2007 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 5107347 (Dok 'NC 5') ; (d) u *community design* 'N95', liema dritt gie registrat l-

ewwel darba fid-19 ta' Frar 2007 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 000677976 (Dok 'NC 6') ; (e) *community design* 'N73', liema dritt gie registrat l-ewwel darba fl-24 ta' Awwissu 2006 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 000582242 (Dok 'NC 7').

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali accessorji tal-*mobile phones* u l-*mobile phone pouches* 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lir-rikorrenti, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-accessorji tal-*mobile phones* u l-*pouches*, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez tal-intimati.

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni talba tar-rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija accessorji tal-*mobile phones* u l-*pouches* ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana kif ukoll tat-trasport mill-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta' distruzzjoni inkluz l-ispejjez inkorsi ghad-distruzzjoni finali tal-istess accessorji tal-*mobile phones* u l-*pouches*.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni

Rat il-lista tax-xhieda (fol. 4) u hdax-il dokument (11) dokument li huma esebiti u mmarkati minn Dok. "NC 1" sa Dok. "NC 11" kif jidhru a fol. 6 sa fol. 26 tal-process.

Rat id-digriet datat 10 ta' Awwissu 2010 fejn gew nominati l-kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-entita` intimata.

Rat li dan ir-rikors giet appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-23 ta' Novembru 2010, b'dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura tal-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti

jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati datata 9 ta' Settembru 2010 (fol. 43) fejn eccepew:-

1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mal-intimati maghhom rapprezenti u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti tipprovdilhom kull informazzjoni li jista' ghandha dwar kull mezz ta' komunkazzjoni mal-intimati, u dan jekk ghandha nformazzjoni ohra, *oltre* dik diga` provduta fir-rikors guramenta.

2. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista ta' xhieda tal-istess kuraturi a fol. 43 tal-process.

Rat in-nota tar-rikorrent Dr. Peter Fenech *nomine* datata 29 ta' Settembru 2010 a fol. 45 tal-process li biha esebixxa erba' (4) dokumenti:- Dok "NC 12" affidavit ta' Dr. Peter Fenech; Dok "NC 13" affidavit ta' George Agius (fol 47); u Dok "NC 14" u Dok "NC 15" zewg rapporti tas-socjeta` rikorrenti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-23 ta' Novembru 2009 fejn is-seduta giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Novembru 2010.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fil-25 ta' Frar 2010 r-rikorrenti *nomine* gie nfurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk,

Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru ECMU 8042484 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur CMA CGM NABUCCO liema vapur kien gej minn Nansha, Cina fi triqtu lejn Tunis, Tunisia u l- *container* kien fih total ta' tnejn u ghoxrin elf u seba' mitt (22,700) il-accessorju tal-*mobile phones* (Dok 'NC 8') kollha bil-marka 'NOKIA' u whud minnhom bil-markji 'Nseries' u 'N95' jew bid-disinn 'N95' u 'N73', u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta' proprjeta` intelletwali. Dan jinsab konfermat mill-affidavit tal-Uccijal tad-Dwana George Agius datata 24 ta' Settembru 2010 (Dok 'NC 13').

Illi jirrizulta wkoll li fit-8 ta' Marzu 2010 r-rikorrenti *nomine* gie nfurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru UESU 4817419 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur CMA CGM OTELLO liema vapur kien gej minn Nansha, Cina fi triqtu lejn Tunis, Tunisia u l-*container* kien fih total ta' elf u erba' mitt (1,400) *mobile phone pouches* (Dok 'NC 9') kollha bil-marka 'NOKIA', u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta' proprjeta` intellewali. Dan jirrizulta kkonfermat mill-affidavit tal-ufficjal tad-dwana George Agius datat 29 ta' Settembru 2010 (Dok. "NC 13" (fol 47-48), u mid-dokumenti u xhieda l-ohra prodotti.

Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti *nomine* u wara li l-istess gew ezaminati minn rapprezentanti specjalizzati ta' Nokia Corporation, fejn gie determinat li dawn l-accessorji tal-*mobiles phones* kif ukoll il-*mobile phone pouches* hawn qabel indikati u mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta' Nokia Corporation,

Illi fil-fatt dan jinsab ikkonfermat mir-rapporti esibit bhala Dok. "NC 14" u Dok. "NC 15" u mix-xhieda l-ohra prodotti nkluzi dawk ta' Dr. Peter Fenech (Dok. NC 12"). B'hekk il-pretensjonijiet attrici gew ilkoll ipruvati u fil-fatt lanqas biss huma kontestati.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati biss in kwantu l-istess huma nkonsistenti ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ t-talbiet attrici** b’dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f’tnejn u ghoxrin elf u seba’ mitt (22,700) il-accessorji tal-*mobile phones* u l-elf u erba’ mitt (1400) il-*mobile phone pouches* imsemmija li fuqhom hemm l-marka ‘NOKIA’ u whud minnhom bil-markji ‘Nseries’ u ‘N95’ jew bid-disinn ‘N95’ u ‘N73’, u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*containers* bin-numru ECMU 8042484 u UESU 4817419 kontenenti l-imsemmija accessorji tal-*mobile phones* u l-*mobile phone pouches* rispettivament, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta’ proprjeta` intelletwali tar-rikorrenti fir-rigward tat-*trademarks* taghha ‘NOKIA’ moghtija n-numru ta’ registrazzjoni 33323 u 33324 (Dok ‘NC 1’ u ‘NC 2’) ); kif ukoll tad-drittijiet registrati bhala *Community Trademarks* u *Community Designs* ma l-*Office for Harmonization in the Internal Market* tal-Unjoni Ewropea : (a) *community trademark* ‘NOKIA’, liema dritt gie registrat fit-3 ta’ Jannar 2006 u moghti n-numru ta’ registrazzjoni 4035663 (Dok ‘NC 3’); (b) *community trademark* ‘N95’, liema dritt gie registrat fl-22 ta’ Novembru 2007 u moghti n-numru ta’ registrazzjoni 5535356 (Dok ‘NC 4’); u (c) *community trademark* ‘Nseries’, liema dritt gie registrat fl-26 ta’ Lulju 2007 u moghti n-numru ta’ registrazzjoni 5107347 (Dok ‘NC 5’) ; (d) u *community design* ‘N95’, liema dritt gie registrat l-ewwel darba fid-19 ta’ Frar 2007 u moghti n-numru ta’ registrazzjoni 000677976 (Dok ‘NC 6’) ; (e) *community design* ‘N73’, liema dritt gie registrat l-ewwel darba fl-24 ta’ Awwissu 2006 u moghti n-numru ta’ registrazzjoni 000582242 (Dok ‘NC 7’).

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ disghin (90) gurnata mid-data ta’ din id-decizjoni jiddistruggi tali accessorji tal-*mobile phones* u

l-*mobile phone pouches* f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez tal-intimati.

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni talba tar-rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija accessorji tal-*mobile phones* u l-*pouches* ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana kif ukoll tat-trasport mill-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta' distruzzjoni inkluz l-ispejjez inkorsi ghad-distruzzjoni finali tal-istess accessorji tal-*mobile phones* u l-*pouches* kif indikat f'din is-sentenza.

Bl-ispejjez kontra l-entitajiet/socjetajiet intimati b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------